

# Għad baqagħlu x'jikteb

**David Muscat**

għad baqagħlu x'jikteb
    għax dejjem hemm x'tikteb
bħal dik it-tifla li għarfet
    għall-ewwel darba
    li ż-żebgħa ċċappas
    u bexklet tpinġija
jew dak il-bniedem nofsu xadina
    li ntebaħ li n-nar isajjar
    u ġemmed froġa
jew Columbus, li xħin ra l-ewwel
    Indjana, ħaseb li ħabat
    ma' xtajta Asjatika u
    kien skopra l-Amerka

għad baqagħlu x'jikteb
    għax il-volja ma tmut qatt
    dejjem hemm xi tgħid, x'tirrakkonta
it-tinwiħ mhux mill-qalb – il-qalb newwieħa
l-għana mhux tal-għasafar – l-għasafar għannejja
il-poeżija mhix tal-bniedem – il-bniedem poeżija

għad baqagħlu x'jikteb
    għax ir-ruħ bla nifs, infinita
    tasal fejn tasal, ma tasal imkien
    togħdos kemm togħdos, il-baħar bla qiegħ
    tiskopri x'tiskopri, fadal kemm-il stilla

għad baqagħlu x'jikteb
    x'jistħajjel, xi jġarrab, xi jterraq
    u dejjem jibqa' jibqa' jibqa'…

*For Quality Metal Works*
*at Competitive Prices*





**JOE GAUCI**
**METAL WORKS**

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976